MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Numru. 18/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**VS**

**Mark Scerri, iben Joseph u Maria Rosaria nee' Thomas, imwieled Tal-Pieta' nhar l-1 ta' April, 1977, residenti fil-fond Redentur, Triq il-Qaliet, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita' numru 178977M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Mark Scerri** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-30 ta' Ottubru, 2008, f'xi hin bejn l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar u s-sitta u nofs ta' wara nofsinhar, minn gewwa l-fond bl-isem Al Kafe li jinsab fi Triq ix-Xatt,

Marsascala, ikkommetta serq ta' flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-detriment ta' Christopher Bonnici minn Haz Zabbar u/jew persuna jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), izda aktar minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), u dan ghad-detriment ta' Christopher Bonnici minn Haz Zabbar u/jew persuna jew persuni ohra;

3. U aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal erba' snin, moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-27 ta' Ottubru, 2005; kif ukoll kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-21 ta' Marzu, 2007.

Rat illi fil-bidu tal-proceduri, l-imputat kien wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, darba ezebit il-kunsens ghall-istess tal-Avukat Generali.

Rat li aktar tard, maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, huwa ghazel illi jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat illi mir-relazzjoni ta' Joseph Mallia, espert fl-impronti digitali, appozitament imqabbad, gie konkluz hekk:

*"Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevata minn naha tax-xellug tal-lifter dokument 08CKU303 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id il-leminija ta' Mark Scerri li joqghod fil-fond*

*numru 9, Carmel Street, Cospicua, detentur tal-karta tal-identita' numru 178977M."*

In vista' ta' hekk u tal-ammissjoni minnu registrata, qieghda ssib htija ai termini tal-Artikoli 261, 325, 28A, u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat illi l-imputat gie moghti diversi opportunitajiet li m'gharafx jissufrixxi minnhom, anzi baqa' ghaddej bir-reati ta' serq.

Tqis illi ghalhekk ghandu jbaghti piena karcerarja effettiva, bl-ewwel lok tqieghed in effett is-sentenza sospiza ta' sentejn(2) ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.;
Tikkundannah ghar-reati in dezamina ghal piena karcerarja ta' sena u nofs.

U fil-konfront tar-reati li taghhom inghata l-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rat ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqis illi l-istess kundizzjoni ghandha tibqa' in effett.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------